**Il-Ġimgħa**

**L-Ewwel ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**

1.
Int għammart, Mulej, b'setgħetek
l-art li ħlaqt, u mtliet bil-bhejjem
ta' kull razza w ta' kull sura,
u tgħaxxaqt bl-għemejjel tiegħek.

2.
Wara dan sawwart il-bniedem:
fuq ix-xbieha tiegħek ħlaqtu;
u mal-barka tiegħek tajtu
ħakma sħiħa fuq il-ħlejjaq.

3.
Rodd, Mulej, is-sliem tal-bidu
lil din l-art li tajtna naħdmu;
jerġa' jidher fiha l-ordni
li ridt int fil-pjan ta' għerfek.

4.
Agħti l-grazzja lil uliedek
biex ifittxu li, f'dil-ħidma,
jimxu lkoll id f'id bejniethom,
għas-sebħ tiegħek u l-ferħ tagħhom.

5.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Fejjaqni, Mulej, għax dnibt kontra tiegħek.
L-Għid: Kristu ftaqar minħabba fina, biex nistagħnu aħna, hallelujah.

**Salm 40 (41)**

Hieni min jaħseb fil-fqir u d-dgħajjef; *
f'jum il-għawġ jeħilsu l-Mulej.
Il-Mulej iħarsu, †

jagħtih il-ħajja u jhennih fuq l-art; *
ma jitilqux għar-rieda ta' l-għedewwa tiegħu.
Il-Mulej jieqaf miegħu fuq is-sodda tal-mard; *
ifejqu mill-mard meta jkun mixħut.

Jien għedt: "Ħenn għalija, Mulej; *
fejjaqni, għax dnibt kontra tiegħek."
L-għedewwa jixtiquli d-deni u jgħidu: *
"Meta se jmut u jintemm ismu?"

Min jiġi jżurni jgħid kliem fieragħ; †
jixtieq isir jaf aħbarijiet ħżiena, *
biex ixandarhom kif joħroġ barra.

Dawk kollha li jobogħduni
jfesfsu bejniethom kontrija; *
jaħsbu dak li hu ħażin għalija:
"Marda mill-agħar ġiet fuqu; *
ma jqumx iżjed mnejn hu mixħut!"
Imqar ħabibi, li fih kont nafda, *
li kiel minn ħobżi, intrefa' kontrija.

Imma int, Mulej, ħenn għalija u qajjimni, *
u nkun nista' nagħtihom li ħaqqhom.
Minn dan nagħraf li int kuntent bija, *
li l-għadu ma jifraħx minħabba fija.
U lili inti żżommni, għax jien bla ħtija, *
u tqegħedni għal dejjem quddiemek.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
minn dejjem għal dejjem. Amen! Amen!

Ant. Fejjaqni, Mulej, għax dnibt kontra tiegħek.
Ant. 2 Il-Mulej ta' l-eżerċti magħna, fortizza għalina Alla ta' Ġakobb!
L-Għid: Hemm xmara li s-swieqi tagħha jferrħu l-belt ta' Alla, hallelujah.

**Salm 45 (46)**

Kenn u qawwa hu Alla għalina, *
għajnuna kbira sibnieh fid-dwejjaq.
Għalhekk ma nibżgħux jekk l-art titriegħed, *
jew jiġġarrfu l-muntanji f'nofs il-baħar;
anqas jekk jgħajtu u jogħlew ilmijietu, *
jew jitheżhżu l-muntanji bit-tqanqil tiegħu.

Il-Mulej ta' l-eżerċiti magħna, *
fortizza għalina Alla ta' Ġakobb!

Hemm xmara li s-swieqi tagħha,
jferrħu l-belt ta' Alla, *
l-għamara qaddisa ta' l-Għoli.

Hemm Alla f'nofsha, ma titħarrikx; *
jgħinha Alla mat-tbexbix tas-sebħ.
Triegħdu l-ġnus, iġġarrfu s-saltniet, *
iddewbet l-art, malli semma' leħnu.

Il-Mulej ta' l-eżerċti magħna, *
fortizza għalina Alla ta' Ġakobb!

Ejjew, araw x'għamel il-Mulej, *
għemejjel ta' l-għaġeb fuq l-art.
Iwaqqaf il-gwerer sa tarf l-art; †
l-ark jaqsam u l-lanza jkisser, *
jaħraq it-tarka bin-nar, u jgħid:
"Biżżejjed! Kunu afu li jien Alla; *
għoli fuq il-ġnus, għoli fuq l-art!"

Il-Mulej ta' l-eżerċti magħna, *
fortizza għalina Alla ta' Ġakobb!

Ant. Il-Mulej ta' l-eżerċti magħna, fortizza għalina Alla ta' Ġakobb!
Ant. 3 Il-ġnus kollha jiġu jinxteħtu quddiemek, Mulej.
L-Għid: Ngħannu lill-Mulej għax tkabbar bis-sħiħ, hallelujah.

**Kantiku (Apok 15,3-4)**

Kbar u ta' l-għaġeb l-għemejjel tiegħek, *
Mulej, Alla li tista' kollox;
sewwa u veri t-triqat tiegħek, *
Sultan tal-ġnus.

Min, Mulej, ma jibżax minn ismek? *
Min ma jsebbħux?
Għaliex int waħdek qaddis: †
u l-ġnus kollha jiġu jinxteħtu quddiemek, *
għax magħrufa saru l-ġudizzji tiegħek.

Ant. Il-ġnus kollha jiġu jinxteħtu quddiemek, Mulej.

**LEZZJONI QASIRA Rum 15,1-3**

Aħna, li aħna sħaħ fil-fidi, għandna ngħinu lid-dgħajfa jerfgħu l-piż tagħhom; mhux nogħġbu lilna nfusna. Kull wieħed minna għandu jfittex jogħġob lil għajru għall-ġid tiegħu u għall-edifikazzjoni. GħaxKristu ma fittixx jogħġob lilu nnifsu, kif inhu miktub: It-tagħjir ta' dawk li għajru lilek waqa' fuqi.

## RESPONSORJU QASIR

R. Kristu ħabbna u ħallna minn dnubietna * Bis-saħħa ta' demmu. Kristu.
V. U għamilna saltna u qassisin għal Alla * Bis-saħħa ta' demmu. Glorja. Kristu.

Ant. tal-kant. ta' Marija Il-Mulej ħa ħsiebna, qaddejja tiegħu, għax ftakar fil-ħniena tiegħu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kant. ta' Marija Il-Mulej ħa ħsiebna, qaddejja tiegħu, għax ftakar fil-ħniena tiegħu.

## PREĊI

Imbierek Alla, għax fil-ħniena tiegħu jipprovdi lil min hu fil-bżonn u jimla bil-ġid lil min hu bil-ġuħ. B'fiduċja kbira nitolbuh u ngħidulu:
*Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek.*
Mulej, Missier l-aktar ħanin, nitolbuk għall-membri batuti tal-Knisja tiegħek:
- ftakar fit-tbatija tas-salib u s-sagrifiċċju li offrielek Kristu, ir-Ras tagħhom.
Eħles lill-imjassrin, iftaħ għajnejn l-għomja:
- ħu ħsieb l-iltiema u r-romol.
Libbes lill-fidili kollha bl-armatura tiegħek:
- agħtihom il-qawwa biex jifilħu jieqfu għat-tnassis tax-xitan.
Mulej ħanin, kun magħna fl-aħħar nifs ta' ħajjitna:
- żommna fidili sa l-aħħar biex inħallu din id-dinja fis-sliem tiegħek.

Oħroġ lil ħutna l-mejtin għad-dawl li fih int tgħammar:
- agħtihom li jarawk wiċċ imb'wiċċ għal dejjem.

**Missierna**

## Talba

Mulej, ħares lejna, qaddejja tiegħek, u agħtina l-grazzja li jkollna dejjem il-ħila nġorru fuqna l-madmad ħelu tal-Feddej tagħna, fuq l-eżempju li tana fil-passjoni tiegħu l-istess Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Amen.**